MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 734/2008

**Emanuel (I.D. 64945M) u Antonia (I.D. 145351M), konjugi Camilleri, Aaron (I.D. 105988M), Simon (I.D. 87570M), Mary Grace (I.D. 44369M), Gino (I.D. 290077M) u Myriam Jane (Passaport Nru: 380988), ilkoll ahwa Camilleri**

***kontra***

**Raymond (I.D. 379164M) u Alison (I.D. 206470M) konjugi Camilleri, Joseph (I.D. 36939M) u Pawla (I.D. 841940M) konjugi Camilleri**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-21 ta` Lulju 2008 li jaqra hekk :–

*1. Illi fis-sitta ta` Ottubru tas-sena elf, disa` mija u disgha u disghin (06/10/99), ghall-habta tal-hdax ta` filghaxija (11 pm), gewwa Triq Fortunato Dalli, Zurrieq, Christopher Camilleri, iben ir-rikorrenti Emanuel u Antonia konjugi Camilleri u hu r-rikorrenti Aaron, Simon, Mary Grace, Gino u Myriam Jane, ilkoll ahwa Camilleri, inqatel volontarjament mill-intimat Raymond Camilleri permezz ta` zewg tiri ta` arma tan-nar, u dan kif deciz mill-Onorabbli Qorti Kriminali fid-19 ta` Novembru 2007 (Dok A u B) ;*

*2. Illi huma nterpellaw lill-intimat Raymond Camilleri sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta` danni minnhom sofferti bil-mewt tal-qarib taghhom Christopher Camilleri, u dan permezz ta` ittra ufficjali pprezentata fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili fis-sbatax ta` Frar tas-sena elfejn (17/02/2000) (Dok C), u liema ittra giet segwita b`korrispondenza ohra mill-konsulent legali taghhom ;*

*3. Illi r-rikorrenti saru jafu ricentement illi proprju ftit granet wara li kienet intbaghtet l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija, l-erba` intimati, b`kolluzjoni u ftehim bejniethom sabiex jiddefrodaw lir-rikorrenti, dahlu f`kuntratt fejn l-intimati Raymond u Alison Camilleri bieghu l-proprjeta`*

*immobbli taghhom, u cioe` 'Cherokee', Triq Fortunato Dalli, Zurrieq, lill-intimati Joseph u Pawla konjugi Camilleri, li jigu l-genituri tal-intimat Raymond Camilleri, u dan permezz ta` kuntratt pubblikat fid-disgha u ghoxrin ta` Frar tas-sena elfejn (29/02/2000), fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja; (Dok D) ;*

*4. Illi r-rikorrenti saru jafu wkoll illi l-intimati Raymond u Alison konjugi Camilleri, permezz ta` kuntratt pubblikat fl-ewwel ta` Awwissu tas-sena elfejn (01/09/2000) fl-atti tan-Nutar Robert Muscat, illikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejniethom, b`tali mod illi r-regim matrimonjali taghhom mid-data ta` dan l-att `il quddiem, mhux aktar regolat bir-regoli appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, izda huwa regolat bir-regoli appartenenti ghas-separazzjoni tal-bejni (Dok E) ;*

*5. Illi b`hekk l-intimat Raymond Camilleri, frawdolentement gie spussessat ghal kollox minn kull proprjeta` immobbli, (Dok F), li fuqha r-rikorrenti jistghu eventwalment jesegwixxu l-pretenzjonijiet taghhom, u ghalhekk dawn il-kuntratti hawn fuq imsemmija saru unikament b`qerq sabiex l-intimat Raymond Camilleri jahrab mill-obbligi tieghu ;*

*6. Illi r-rikorrenti huma ntitolati jannullaw il-kuntratti hawn fuq imsemmija a tenur tal-artikolu 1144 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, stante illi dawn saru ghad-dannu tar-rikorrenti u sabiex jigu defrawdati fid-drittijiet taghhom ;*

*7. Illi permezz tar-rikors guramentat nru. 728/08, ir-rikorrenti talbu lil Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili sabiex tillikwida u tordna lill-intimat Raymond Camilleri d-danni sofferti minnhom bil-mewt tal-qarib taghhom Christopher Camilleri. (Dok G).*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1. Tiddikjara illi l-kuntratt hawn fuq imsemmi ppublikat fid-disgha u ghoxrin ta` Frar tas-sena elfejn (29/02/2000) fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja in forza tieghu l-intimati Raymond u Alison Camilleri bieghu lill-intimati l-ohra Joseph u Pawla konjugi Camilleri, il-fond bl-isem 'Cherokee', Triq Fortunato Dalli, Zurrieq, huwa null u minghajr effett, u b`hekk tordna r-rexissjoni tieghu billi dan huwa vizzjat b`qerq u ghemil doluz da parti tal-intimati ;*

*2. Tiddikjara illi l-kuntratt hawn fuq imsemmi ppublikat fl-ewwel ta` Awwissu tas-sena elfejn (01/08/2000) fl-atti tan-Nutar Robert Muscat, li in forza tieghu l-intimati Raymond u Alison Camilleri llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti viggenti bejniethom, sabiex b`hekk mid-data tal-att 'il quddiem mhux aktar regolat bir-regoli appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, izda huwa regolat bir-regoli appartenenti ghas-separazzjoni tal-beni, huwa null u bla effett b`hekk tordna r-rexissjoni tieghu billi dan huwa vizzjat b`qerq u ghemil doluz da parti tal-intimati Raymond u Alison konjugi Camilleri ; u*

*3. Occorrendo tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-atti ta` rexissjoni u thassir opportuni, fid-data, jum u lok li din il-Qorti joghgobha tiffissa ghal dan l-iskop ;*

*4. Occorrendo tinnomina kuraturi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess atti.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienu ndikati mill-atturi flimkien mal-elenku tad-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-17 ta` Marzu 2009 li taqra hekk :–

*1. In linea preliminari r-rikorrenti ghandhom jipprovaw l-interess guridiku taghhom biex jippromwovu din il-kawza ;*

*2. In linea preliminari, ukoll u minghajr pregudizzju, l-esponenti Raymond Camilleri mhuwiex debitur tar-rikorrenti. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprassjedi sakemm tigi deciza l-kawza fl-ismijiet "Emmanuel Camilleri et vs Raymond Camilleri" (Rik. Guramentat Nru 728/08) ;*

*3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kuntratt pubbliku ta` bejgh tal-fond bl-isem "Cherokee", Triq Fortunato Dalli, Zurrieq, pubblikat min-Nutar Mario Bugeja fid-29 ta` Frar 2000 u l-kuntratt ta` separazzjoni tal-beni pubblikat min-Nutar Robert Muscat fl-1 ta` Awwissu 2000 ma sarux b`qerq jew bi hsara ghall-jeddijiet tar-rikorrenti jew bl-intenzjoni li dawn jigu defrawdati ;*

*4. L-esponenti ma kkomettew ebda att bil-hsieb jew intenzjoni li jigu dannegjati jew biex issir hsara ghall-interessi tar-rikorrenti ;*

*5. Bl-atti pubblici in kwistjoni la giet determinata l-insolvenza tal-esponenti Raymond Camilleri u lanqas tnaqqset l-insolvibilita` tieghu ;*

*6. Ma jirrikorrux l-elementi rikjesti mil-ligi skont l-Artikolu 1144 tal-Kapitolu 16 ghall-esercizzju mir-rikorrenti tal-"action pauliana" ;*

*7. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti kontra l-esponenti ghandhom ikunu michuda stante li l-atti pubblici fuq riferuti huma validi ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi ;*

*8. Isegwi ghalhekk it-tielet u r-raba` talba tar-rikorrenti ghandha tkun rigettata stante li ma hemmx lok ghall-pubblikazzjoni tal-att tar-rexxissjoni tal-kuntratti pubblici fuq riferuti.*

*9. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat l-atti tal-kawza meta kienet qeghda tinstema` minn din il-Qorti diversament presjeduta, fosthom il-provvediment taghha tas-17 ta` Gunju 2010 fejn cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

Rat illi l-gbir tal-provi sar kollu mill-Assistent Gudizzjarju Av. Michael Camilleri li mahtur ghal dan l-iskop minn din il-Qorti diversament presjeduta b`digriet taghha tal-25 ta` Lulju 2008.

**Rat illi b`ordni tal-Onor. Prim` Imhallef tas-17 ta` Jannar 2013 (fol 156) il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti <u>kif presjeduta</u> meta kien inghalaq il-gbir tal-provi.**

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti kif presjeduta fis-seduta tat-30 ta` Settembru 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Sintesi tal-provi</u>

**<u>L-attur Emanuel Camilleri</u>** xehed illi ibnu Christopher safa` maqtul mill-konvenut Raymond Camilleri fis-6 ta` Ottubru 1999 fi Triq Fortunat Dalli, Zurrieq. Dan ibnu kien ighix mieghu izda kien imur ta` spiss imur f`dik it-triq partikolari ghaliex hemmhekk kienet toqghod l-gharusa tieghu. Waqt il-guri tal-konvenut Raymond Camilleri, irrizulta li dan ibnu kien gieli jipparka l-karozza tieghu quddiem il-garaxx ta` l-istess Raymond Camilleri. Dan kien jitlob lil ibnu biex inehhi l-karozza, u hekk kien jaghmel. Gara li darba minnhom l-istess Raymond Camilleri mar lura tard id-dar u habat fil-karozza tat-tifel tieghu. It-tifel ra lill-istess Raymond Camilleri jolqot il-karozza tieghu u nizel biex ikellmu. Qam battibekk bejniethom, Raymond Camilleri mar gab senter u spara lejn it-tifel u qatlu.

Emanuel Camilleri xehed illi l-mewt ta` Christopher hasdithom. Huwa spicca jiehu l-kalmanti waqt li martu bil-kemm ghadha titkellem. Huwa ma seta` qatt jaccetta li Raymond Camilleri qatel lil ibnu kiesah u biered. Huwa mar ghand l-avukat sabiex jibda kull procedura possibbli kontra l-qattiel ta` ibnu. Fis-17 ta` Frar 2000, baghat ittra ufficjali lill-istess Camilleri fejn interpellah sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu u mill-familja tieghu kagun ta` dak il-qtil. Fuq parir legali, qaghad lura milli jaghmel il-kawza ghad-danni sakemm jintemmu l-proceduri tal-pulizija. Fid-19 ta` Novembru 2007, il-Qorti sabet lill-istess Camilleri bhala hati tal-qtil volontarju ta` ibnu b`dan illi ddikjarat il-Qorti li l-qtil sar waqt illi l-istess Camilleri kien qed jagixxi taht il-htiega tal-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu izda hareg barra mil-limiti imposti mill-bzonn.

Emanuel Camilleri kompla jixhed li wara li ntemm il-guri, huwa ghamel ir-ricerki ta` Raymond Camilleri u sab li ftit wara li huwa kien ipprezenta l-ittra ufficjali li ssemmiet qabel, l-istess Camilleri kien ittrasferixxa l-unika proprjeta` immobbli li kellu lill-genituri tieghu bis-sahha ta` kuntratt tad-29 ta` Frar 2000. Fil-kuntratt inghad li d-dar li kellu fiz-Zurrieq inbieghet lill-genituri ghall-prezz ta` Lm40,000. Skond il-kuntratt, inghad li mad-dar inbieghu wkoll il-mobbli ; inoltre inghad illi l-prezz kien diga` thallas qabel ma` sar il-kuntratt. L-istess Camilleri baqa` jghix fl-istess dar li kienet trasferita lill-genituri tieghu.

Emanuel Camilleri stqarr illi fl-1 ta` Awissu 2000, sar kuntratt bejn l-istess Camilleri u l-mara tieghu fejn giet likwidata l-komunjoni ta` l-akkwisti u dahlet bejniethom is-separazzjoni ta` l-assi. L-istess Camilleri ma ghamlux separazzjoni personali u baqghu jghixu flimkien.

Emanuel Camilleri jikkontendi li z-zewg kuntratti sar b`qerq ghall-atturi sabiex fil-kaz li l-atturi jirbhu d-danni ma jkunx assi ta` Raymond Camilleri fuqhiex jezegwixxu eventwali sentenza.

**<u>Il-konvenut Raymond Camilleri</u>** xehed illi huwa kien ilu sbatax-il sena joqghod fil-fond "Cherokee", Triq Fortunat Dalli, Zurrieq, ma` martu u ma` ibnu. Il-post illum huwa proprjeta` tal-genituri tieghu. Qabel bieghu lill-genituri, il-post kien propjeta` tieghu u ta` martu. Kellu jbiegh il-post ghaliex kellu bzonn il-flus. Missieru kien ghamillu tajjeb ghall-plegg ta` Lm16,000 minhabba l-kaz tal-omicidju tas-16 ta` Ottubru 1999. U kien tah ukoll Lm8000 ghal xogholijiet li saru fil-post. Meta missieru beda jaghtih il-flus, hutu bdew igergru. U ghalhekk inbiegh il-post. Il-prezz tal-bejgh kien ta` Lm40,000 u ftiehem ma` missieru meta jkollu bzonn il-flus, missieru inaqqashomlu mill-prezz. Dakinhar tal-kuntratt ma ghaddewx flus. Qal li ma jiftakarx li ghamel xi kuntratt iehor apparti dan tal-bejgh favur tal-genituri tieghu. Mistoqsi jekk jafx lin-Nutar Robert Muscat, il-konvenut Camilleri qal li jista` jkun li jafu. Wara l-2002, hu u martu ma xtraw l-ebda proprjeta`. Qabel il-kaz tal-qtil ta` Christopher Camilleri huwa kien ibiegh il-haxix. Ghal xi zmien waqaf billi kien il-habs minhabba l-kaz. Wara li hareg mill-habs, baqa` jbiegh il-haxix part-time. Xehed illi huwa kien imur jixtri l-haxix nhar ta` Tnejn u nhar ta` Hamis filghodu u kien ibiegh bejn l-4.00 p.m. u s-7.00 p.m. Huwa sostna li ma kienx jaqla` flus bizzejjed biex ihallas il-plegg ; kien ghalhekk li hallas il-flus missieru biex ikun jista` johrog mill-habs. Huwa mar fejn missieru biss ghall-flus.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, il-konvenut Camilleri xehed illi huwa qatt ma talab ghajnuna finanzjarja lill-genituri tal-mara tieghu peress li ma kellux relazzjoni tajba maghhom. Barra minn hekk, dawn kellhom paga wahda u tliet ulied ohra. Missier il-mara tieghu kien jahdem bhala watchman mal-privat.

Xehed illi kien jahdem mal-Gvern. U waqaf ibiegh il-haxix. Meta kien ghaddej il-guri, huwa kien jircievi nofs paga mill-Gvern. Meta kien jahdem bhala watchman huwa ma kienx ibiegh il-haxix. Kien beda jbiegh il-haxix ftit qabel l-incident. Stqarr illi sal-2007 huwa kien ibiegh il-haxix u meta hareg mill-habs, huwa kompla jbiegh il-haxix. F`dawk iz-zminijiet kien jircievi n-nofs tal-paga tal-Gvern u kien ibiegh il-haxix. Stqarr illi missieru kien hadhom lura kollha l-flus tal-plegg wara li ntemm il-guri. Il-paga kienet tidhol go kont li kellu fl-HSBC pero` fis-sena 2000 huwa ghalaq il-kont. Qal li ma jiftakarx ir-raguni ghala ghalaq il-kont izda huwa probabbli li martu kienet gibdet il-flus kollha meta kien il-habs. Jista` jkun li l-paga tieghu bdiet tmur fil-kont ta` martu.

Ikkonferma li huwa kien ircieva l-ittra ufficjali tal-atturi fi Frar tal-2000 u li biegh id-dar fi Frar tal-2000. Kien matul dak il-perijodu li missieru ghamillu l-plegg ta` Lm18,000, li kellu Lm8,000 ohra mislufin minn missieru, kif ukoll Lm2000 tal-avukat. Qal illi ghalkemm missieru hadhom lura l-flus tal-plegg, huwa xorta wahda ma regax ha l-post lura ghaliex kien baqa` fil-bzonn tal-flus. Qal li kien f`Jannar tal-2000 li ddecieda li jbiegh id-dar. Qal illi llum id-dejn ma` missieru thallas. Missieru xtara l-post ghax huwa kien dejjem jghinu.

Sar **riezami** u l-konvenut Camilleri kkonferma li meta huwa kien bin-nofs paga, kien iz-zmien meta kien ibiegh il-haxix. Martu qatt ma hadmet wara l-1999. Kien ibiegh il-haxix jumejn fil-gimgha u ma kienx jaqla` hafna. Il-paga shiha tieghu kienet ta` €700 fix-xahar ; ghalhekk kien qed jiehu n-nofs li minnhom riedu jghixu hu, martu u ibnu. Dam bin-nofs paga ghal seba` snin.

**Il-konvenuta Alison Camilleri** xehdet li qabel inbieghet id-dar, kien hemm dejn ta` Lm8000 tax-xogholijiet li kienu saru fid-dar. Ikkonferma li zewgha kien impjegat mal-Gvern izda kien ghamel zmien fuq nofs paga minhabba l-kaz li kien quddiem il-qrati. Hija qatt ma hadmet. Hija stqarret li setghet iffirmat kuntratt iehor, apparti dak ta` l-bejgh, pero` qalet li ma

tiftakarx. Hija ma tafx ghandhiex komunjoni ta` l-akkwisti ma` zewgha. Il-genituri ta` zewgha kienu tawhom il-bqija tal-flus li kien fadal mill-Lm40,000. Il-flus kienu s-Lm16000 spejjez tal-Qorti u avukati ; Lm2,000 ghall-karozza; Lm3500 ghall-vann ; l-bqija meta gibdu l-bail, hadu d-differenza. Zewgha kellu erbat ahwa ohra.

**Romwald Attard** mill-Bank of Valletta plc xehed illi l-bank ma kienx infurmat li kienet saret is-separazzjoni ta` l-beni bejn Raymond u Alison Camilleri. Alison Camilleri kienet klijenta ta` l-Bank of Valletta plc sat-2 ta` Settembru 2009. Raymond Camilleri ma kienx klijent tal-bank.

**Audrey Ghigo** mill-HSBC Bank Malta plc xehdet illi l-bank ma jkunx infurmat jekk tkun saret separazzjoni tal-beni jew likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ; u lanqas talab li jkun infurmat. Alison Camilleri hija klijenta ta` l-HSBC Bank Malta plc. Raymond Camilleri kellu joint account ma` martu izda dan il-kont inghalaq fl-2000. Il-bank ahhar kont joint tieghu fis-sena 2000.

**David Galea** mill-APS Bank Limited xehed illi l-bank ma rcieva l-ebda informazzjoni li kienet saret is-separazzjoni tal-beni bejn Raymond u Alison Camilleri u lanqas li kienet giet likwidata l-komunjoni tal-akkwisti taghhom. U lanqas talab dik l-informazzjoni. Ikkonferma li Raymond Camilleri ghandu kontijiet ma` l-APS Bank Limited ; Alison Camilleri ma kellhiex.

**Josephine Vassallo** xehdet illi hija tigi oht il-konvenut Raymond Camilleri. Huha Raymond kellu kaz kriminali u kellu bzonn il-flus. Missierhom kien hareg is-somma ta` Lm16,000 minhabba l-plegg. Hi u hutha l-ohra ma kienux qablu li missierhom jaghti somma bhal dik lil huhom. Taf li mbaghad sar ftehim fejn Raymond biegh id-dar tieghu lil missierhom u l-flus intuzaw ghal hlas ta` plegg u ghal spejjez ohra. Meta qamet il-kwisjtoni tal-plegg, hija u hutha saru jafu li huhom Raymond kien inghata madwar Lm8,000 biex ihallas

ta` xogholijiet li ghamel fid-dar. Taf li saret kitba bejn huha Raymond u missierhom u fuqha tnizzel l-ammont ta` flus li kull darba kien jircievi minghand missierhom.

Fil-**kontroezami**, Josephine Vassallo fissret illi qabel gara l-kaz li fuqu tressaq il-qorti, huha Raymond kellu xoghol mal-Gvern u kien ibiegh il-haxix. Ghad illi d-dar inbieghet, Raymond u l-familja tieghu xorta baqghu jghixu fl-istess dar. Ma tafx jekk missierha u huha kienux ghamlu ftehim ta` kera tad-dar. Il-bejgh tad-dar kienet soluzzjoni tajba. Ma tafx jekk il-genituri ta` Alison kienux ghenu lil huha Raymond fil-bzonnijiet finanzjarji tieghu. Taf li bhala spejjez kien hemm Lm16,000 tal-plegg u self ta` Lm8,000 qabel iz-zwieg. Id-dar inbieghet ghal prezz ta` Lm40,000. Bhala propjeta`, missierha kellu d-dar fejn joqghod, dik li xtara minghand huha Raymond, u xi ghelieqi tal-Gvern. Huha Raymond waqaf ibiegh il-haxix meta ma baqa` sospiz mix-xoghol mal-Gvern.

**Il-konvenut Joseph Camilleri** xehed illi huwa jigi missier il-konvenut Raymond Camilleri. Qabel ibnu Raymond izzewweg huwa kien tah Lm8,000 biex jaghmel is-saqaf tad-dar tieghu. Huwa hareg ghal ibnu Raymond il-flus tal-plegg. Stqarr illi wliedu l-ohra ma hadux gost li kien qed ighaddi dawk il-flus lil ibnu Raymond. Huwa ppropona li jixtri d-dar ta` ibnu Raymond u dan accetta. Apparti l-plegg ta` Lm16,000 u t-Lm8,000 li semma, kien hemm xi Lm1,000 spejjez ta` avukati. Huwa baqa` ma` ibnu Raymond illi jekk dan ikollu bzonn ta` aktar flus, huwa kien ser inaqqashom minn dak il-prezz. Bintu kienet izzomm notamenti ta` l-ammonti li kienu qed jinghataw lil Raymond. Meta thallset is-somma kollha, in-notamenti ntremew.

Fil-**kontroezami**, Joseph Camilleri xehed illi huwa ghandu 73 sena u huwa pensjonant. Qabel hareg bil-pensjoni, kien jahdem mar-*refuse* u kien irabbi l-annimali. Kien bir-raba` u meta wliedu kienu zghar kienu jghinuh fir-raba`. Ma kienx ihallashom ghaliex kien jaghtihom x`jieklu. Il-prodott tar-raba` kien izommu ghaliha u ma kienx ibieghu l-pitkalja. Sakemm tgharras, ibnu Raymond kien ighinu fir-raba`. Ibnu Raymond kien jahdem bhala watchman ; kien ukoll ibiegh il-haxix. Kemm dam il-qorti, ibnu Raymond kien sospiz mix-

xoghol u baqa` jbiegh il-haxix. Baqa` jbiegh il-haxix sakemm rega` dahal ghax-xoghol mal-Gvern.

## III. L-actio pauliana

Dik tentata mill-atturi hija l-actio pauliana li hija regolata bl-**Art 1144 tal-Kap 16** li jaqra hekk :-

*(1) Kull kreditur jista` wkoll, f`ismu, jattakka l-atti maghmula b`qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-beneficcju tal-eskussjoni, taht id-disposizzjonijiet tal- artikoli 795 sat-801 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*(2) Jekk dawn l-atti jkunu b`titolu oneruz, il-kreditur ghandu jipprova li kien hemm qerq min-naha taz-zewg partijiet fil-kuntratt.*

*(3) Jekk dawn l-atti jkunu b`titolu gratuwitu, bizzejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naha tad-debitur .*

Tenut kont tal-mod kif kienet impostata l-kawza, sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici (ara : **Torrente** : "**Manuale di Diritto Privato**" : Ottava Edizione : Pg. 455) iridu jigu ppruvati :-

i) l-*eventus damni* ;

ii) il-*consilium fraudis* ;

iii) il-*partecipatio fraudis.*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**<u>PA/MC</u>**) fit-30 ta` Novembru 2011 fil-kawza "**<u>Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud vs John Mary Bugeja et</u>**" jinghad hekk :-

*"Din il-Qorti tqis il-kwistjoni b`dan il-mod. L-attur qed jibbaza l-kawza tieghu fuq l-azzjoni pauliana, ai termini tal- artikolu 1144 tal-Kapitolu 16. Din l-azzjoni hi miftuha 'ghal kull min ghandu azzjoni x`jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta` obbligazzjoni b`mod li jista` jisparixxi tali azzjoni kull min jinsab ippregudikat bil-fatt ta` haddiehor b`atti kompjuti mid-debitur' (ara f`dan is-sens '<u>Zammit Tabona Moira vs Silmar Limited et</u>' PA 13/02/2003 TM).*

*L-iskop tal-azzjoni hu sabiex il-kreditur li jhoss ruhu ppregudikat b`att jew atti tad-debitur, jerga` jpoggi lid-debitur fl-istat li kien qabel ma ghamel dawk l-atti.*

*Hi azzjoni principalment bejn il-kreditur fis-sens ta` tali terminu u d-debitur fejn il-kreditur irid jipprova li l-att tad-debitur li qed jigi impunjat iddiminwixxa l-patrimonju tad-debitur bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-kreditur, liema att irrenda lid-debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli, tal-ahhar, prova negattiva li trid tigi meghluba mid-debitur.*

*Inoltre trid tigi ppruvata wkoll ix-xjenza da parti tad-debitur li bl-att tieghu qed jigu pregudikati d-drittijiet tal-kreditur.*

*L-azzjoni hi ghalhekk principalment intiza biex terga ggib lura l-istatus quo ante bejn il-kreditur u d-debitur permezz tar-reintegrazzjoni tal-patrimonju tad-debitur minghajr referenza jekk l-att allegatament kompjut mid-debitur kienx att uniku jew sensiela ta` atti."*

Fis-sentenza taghha tal-10 ta` Jannar 1955 fil-kawza "**<u>Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima et</u>**", il-Qorti tal-Appell irriteniet :-

*"L-azzjoni pawljana jew revokatorja hija moghtija lill-kredituri f`isimhom biex jattakkaw l-attijiet maghmula b`qerq mid-debituri taghhom bi hsara tad-drittijiet taghhom. Din l-azzjoni hija akkordata biss lill-kredituri, u biex wiehed ikun kreditur, jehtieg li jkollu kreditu.*

*Ghall-esercizzju ta` din l-azzjoni hemm bzonn taz-zewg elementi, l-'eventus damni' u l-'consilium fraudis' u meta jkun jittratta minn att b`titolu oneruz, anke l-komplicita` tat-terz kontraent.*

*Imma dan ir-rimedju ghandu jiftiehem moghti mhux biss lill-kredituri pekunarjarji, imma wkoll lil kulhadd iehor li, meta jkun titolari ta` dritt valutabbli pekunjarjament, isib ruhu defrawdat permezz ta` atti li jimpeduh, jekk ma jigux annullati, illi jara li jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu.*

*Il-kreditu ghandu jkun anterjuri ghall-att impunjat bi frode ; imma din ir-regola tigi eskluza meta l-att frawdolent ikun gie maghmul ghall-oggett preciz li jigu defrawdati l-kredituri futuri …*

*L-'animus nocendi' mhux mehtieg biex tigi ezerecitata l-azzjoni revokatorja imma huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previzjoni li l-att sejjer ikun lesiv ghall-kreditur …"*

**a) <u>L-*'eventus damni'*</u>**

L-*'eventus damni'* huwa sodisfatt bil-prova illi b`rizultat tal-att li qed jigi mpunjat, id-debitur jkun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta` pregudizzju ghad-drittiijiet tal-kreditur, liema att jkun rrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/NC**) fil-15 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Vincent Pace et**" inghad hekk :-

*"L-ewwel element dak tal-eventus damni jgi sodisfatt bil-prova li, rizultat tal-att li qed jigi impunjat, id-debitur ikun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta` pregudizzju ghad-drittijiet tal- kreditur, liema att jkun rrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli.*

*'Biex kreditur jithalla jintervjeni f` kuntratt li fih hu ma kienx parti fl-ewwel lok, jrid juri li b`rizultat ta` dak l-att impunjat, id-debitur tieghu sar insolvibbli" PA. Bugeja vs Terribile deciza 7 ta` Jannar 1936 – Vol.XXIX.II.866, vide wkoll, Prim Awla (TM) PL. Adrian Borg nomine vs Agostino sive Winston Carbone noe deciza 30 ta` Mejju 2002;*

*Illi inoltre 'id-duttrina u l-gurisprudenza pero` ma jinsistux li huwa l-kreditur li jrid jesawrixxi r-rimedji kollha li ghandu kontra d-debitur, izda d-debitur jista`, jekk irid, ixejjen l-azzjoni paoliana billi jindika lill-kreditur assi ohra tieghu li fuqhom il-kreditur jista` jesegwixxi. Hu d-debitur li jrid juri li hu solvibbli u mhux il-kreditur li jrid juri li d-debitur tieghu hu insolvibbli" Qorti Kum. Hare vs Diacono deciza fid-29 ta` Marzu 1920 – Vol.XXIV.III.789."*

Fil-p.232 n.243 ta` "**Corso di Diritto Civile**" **Francesco Ricci** jikkwalifika bhala *pregudizzju* :

*"Il danno pertanto o pregiudizio che i creditori debbono risentire dall`atto compuito dal debitore, non puo` consistere in altro se non nella diminuzione della guarentigia ad essi accordata, diminuzione che compromette la esigibilita` dei loro crediti"*

**b) Il-'*consilium fraudis*'**

Il-*consilium fraudis* huwa sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur. Ghall-fini ta` dan ir-rekwizit mhuwiex mehtieg l-*animus nocendi.* (ara : Kollez. Vol. XXIX.II.866 : "**Bugeja vs Terribile**" : 7 ta` Jannar 1936).

Il-konsapevolezza tad-debitur li l-att tieghu ser jikkaguna hsara lid-drittijiet tal-kreditur tieghu taghti lok ghal presunzjoni tal-intenzjoni frawdolenti "*ghax min ikun jaf bl-effett ta` xi att, u b`dankollu jrid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li hu jrid wkoll dak l-effett*". (ara : Appell Civili – "**Vella vs Vella et**" - 27 ta` Frar 2003).

Fis-sentenza ta` din il-Qorti fil-kawza "**Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Vincent Pace et**" (op. cit.) inghad ukoll hekk :-

*"It-tieni element dak tal-consilium fraudis huwa sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur. Mhux rikjesta l-prova tal-animus nocendi. L-element tal-consilium fraudis jikkonsisti fix-xjenza illi bl-att tkun qeghda tigi determinate l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibilita` tad-debitur,u ma jirrikjedix l-intenzjoni li jigi defrawdat il-kreditur. Il-konsapevolezza da parti tad-debitur li l-att tieghu ser jikkaguna hsara fid-drittijiet tal-kreditur tieghu, taghti lok ghal presunzjoni ta l-intenzjoni frawdolenti "ghax min ikun jaf bl-effett ta` xi att, u b` dankollu jirid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li hu jrid wkoll dak l-effett.*

*Izda ghajr ilprova tax-xjenza tal-effetti tal-att da parti tad-debitur, il-ligi ma tirrikjedix prova ulterjuri da parti tal-kreditur."*

Fis-sentenza taghha tas-6 ta` Ottubru 1999 fil-kawza **“<u>Anna Bellia vs Victor Grech et</u>**” tas-6 ta` Ottubru 1999”, il-Qorti tal-Appell ukoll sostniet illi :

*“Il-frode f`din l-azzjoni hi element ta` sostanza u objettiv u tista` timmanifesta ruhha taht diversi aspetti. Tista` tkun indiretta jew oggettiva u l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frodi u jittenta l-azzjoni revikatorja, ghaliex il-frode fil-kuntratt ma jistax jigi prezunt. Id-dannu jista` jkun u generalment ikun attwali u cert, imma jista` jkun ukoll tali fl-evidenza u certezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta` garanziji tal-krediti. Id-dannu jrid ikun idderiva direttament mill-att impunjat.”*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**<u>PA/TM</u>**) fil-21 ta` Ottubru 2004 fil-kawza “**<u>Mario Camilleri vs Mario Borg et</u>**” inghad dwar l-element in ezami :-

*“Il-frodi f`din l-azzjoni hi element ta` sostanza u objettiv u tista` timmanifesta ruhha taht diversi aspetti. Tista` tkun diretta u tista` tkun indiretta jew oggettiva u l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frodi u jintenta l-azzjoni revokatorja ghaliex il-frodi fil-kuntratti ma tistax tigi prezunta. Id-dannu jista` jkun u generalment ikun attwali u cert imma jista` jkun ukoll tali li fl-evidenza u certezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta` garanziji tal-kredituri. Id-dannu irid ikun idderiva direttament mill-att impunjat”. (Vol XLV.II.700).*

*Ghad-debitur il-“consilium fraudis” jikkonsisti filli huwa jkun jaf li qieghed jirrendi ruhu insolventi bis-sahha ta` l-att minnu kompjut ossia ikun qieghed jidhol fil-kondizzjoni ta` insolvenza jew ta` minorata solvibilita`. Ghat-terz jirrikorri l-“consilium fraudis” kull meta fil-waqt li jkun qieghed jikkontratta mad-debitur, huwa jaf illi qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta` hsara ghall-kreditur”. (Vol XXXIV.III.851)*

(ara wkoll : Qorti tal-Appell : “**<u>Giuseppina Ciancio vs Michele Buontempo et</u>”** : 20 ta` Novembru 1950 ; u Prim`Awla tal-Qorti Civili : “**<u>Carmen Mizzi vs Mabel Mizzi et</u>**” : 5 ta` Ottubru 1994).

Ghalhekk in succint din il-Qorti tghid illi :-

1) il-frodi fil-kuntratt ma tistax tigi prezunta u ghalhekk l-onus tal-prova taghha jispetta lill-kreditur ;

2) din il-prova tista` ssir b` kull xorta ta` mezzi, kemm dawk diretti kif ukoll dawk indiretti, li jinkludu prezunzjonijiet u indizji li jridu jkunu gravi, precizi u konkordanti ;

3) il-frodi stess tista` tkun indiretta jew oggettiva, li tista` tikkonsisti biss fix-xjenza tad-debitur illi bl-att impunjat huwa mhux ser jibqa` fil-pozizzjoni li jilqa` b` mod sufficjenti d-dritt tal-kreditur tieghu, fis-sens li jkun bizzejjed ghall-attur li jipprova biss li d-debitur kien jaf li qed jirrendi mpossibbli jew difficli ghall-kreditur li jikkonsegwixxi dak li lilu jisthoqq in korrispondenza u bhala korollarju necessarju tad-dritt tieghu.

**c) <u>Il-"partecipatio fraudis"</u>**

Dan l-element irid jigi ppruvat meta l-att ikun oneruz. Hekk ghandu jsir fil-kaz tal-lum.

Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Jannar 1954 fil-kawza "**<u>Chircop vs Mifsud et</u>**" din il-Qorti rriteniet illi meta l-att ikun oneruz, m`ghandhiex tirrizulta biss il-frodi tad-debitur izda anke tat-terz kontraent.

Il-Qorti qalet :-

*"Bi frodi tat-terz akkwirent ghandu jiftiehem in- notizzja lid an kellu tal-istat tad-debitur, jigifieri x-xjenza lid-debitur, bl-att li kien sejjer jaghmel, kien se jirreka dannu lill-kreditur, sija billi d-debitur jirrendi ruhu insolvibbli, sija billi tizdied din l-insolvenza. Mela l-prova tal-fatt mhux tal-intenzjoni ghaliex l-intenzjoni li tirreka dannu mhix rekwizit tal-azzjoni."*

**IV. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

Fis-sentenza taghha tal-10 ta` Jannar 1955 fil-kawza "**<u>Calleja vs Grima et</u>"** (Kollez. Vol. XXXIX.I.24) il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Din l-azzjoni hija moghtija lill-kredituri f`isimhom biex jattakkaw l-attijiet maghmula b`qerq mid-debituri taghhom bi hsara ghad-drittijiet taghhom. Hija akkordata biss lill-kredituri, u biex wiehed ikun kreditur, jehtieg li jkollu kreditu."*

Fis-sentenza taghha tal-15 ta` Jannar 2002 fil-kawza **"<u>Bongailas vs Magri et</u>**" il-Qorti tal-Appell qalet illi : –

*"il-kliem "kreditur" u "debitur" fl-artikolu 1144 huma kjarament termini generici wzati fis-sens l-aktar generali u wiesgha tal-kelma biex jikkomprendu kull min kien dahal f`xi obbligazzjoni hi x`hini favur terzi. Hija biss rifless tal-principju bazilari tad-dritt li kull min jikkontratta ma`haddiehor kellu jezegwixxi l-obbligazzjoni tieghu fil-massima buona fede. Kif sewwa jenuncjaw il-guristi rumani pacta sunt servanda u fraus omnia corrumpit." Ghalkemm kien hemm zmien meta dan ir-rimedju kien moghti biss lil min ikun titolari ta` kreditu pekunjarju, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta` Novembru 1950 fil-kawza "Ciancio vs Buontempo" (Kollez. Vol. XXXIV.III.851) bidlet id-direzzjoni*

*tal-gurisprudenza fis- sens illi tat ir-rimedju lil mara mizzewga li riedet timpunja att ta` zewgha.*

Fis-sentenza taghha fil-kawza "**Calleja vs Grima et**" (op. cit.) il-Qorti tal-Appell osservat illi :–

*"ir-rimedju tal-applikazzjoni tal-azzjoni revokatorja ghandu jiftiehem moghti mhux biss lill-krendituri pekunjarji, imma wkoll lil kull haddiehor li, meta jkun titolari ta` dritt valutabbli pekunjarjament, isib ruhu defrawdat permezz ta` atti li jimpeduh, jekk ma jigux annullati, illi jara li jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu."*

Fis-sentenza taghha tas-16 ta` Ottubru 1999 fil-kawza "**Bellia vs Grech et**" il-Qorti tal-Appell tghid illi l-azzjoni hija miftuha *"ghal kull min ghandu azzjoni x`jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta` obbligazzjoni, b`mod li jista` jisperixxi l-azzjoni, kull min jinsab pregudikat bil-fatt ta` haddiehor b`att kagunat mid-debitur."* (ara wkoll : Qorti tal- Appell : "**Vella vs Vella**" : 27 ta` Frar 2003).

Fis-sentenza taghha tat-8 ta` April 2011 fil-kawza "**Ta` Frenc Real Estate Limited vs L-Avukat Dottor Chris Said noe et**" il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) [Gurisdizzjoni Superjuri] (**PA/PC**) qalet hekk :-

*Għal dak li jirrigwarda l-ewwel rekwiżit, il-kliem "kreditur" u "debitur" fl-artikolu 1144 m`għandhomx jiġu nterpretati fis-sens restrittiv illi l-azzjoni pawljana tista` tiġi eżerċitat biss meta wieħed għandu jieħu u l-ieħor għandu jagħti flus biss, imma għandhom jiġu meqjusa li jikkomprendu kull persuna li għandha xi jedd u kull persuna marbuta b`xi obbligazzjoni. Dan jirriżulta ċar mill-mod kif inhuma użati l- kliem "kreditur" u "debitur" fis-subtitolu IV tat-titolu IV "Effetti ta` Obbligazzjonijiet" fejn huwa inkluż l-artikolu 1144, kif ukoll mill-prinċipji tad-dritt ruman u l-prinċipji enunċjati mill-qrati taljani li*

*għalihom saret ampja referenza mill-Qorti ta` l-Appell ta` Malta fil-kawża* <u>*Mifsud vs Cini*</u> *tas-7 ta` Diċembru 1934 (kollez. vol. XXIX. i. 28) li rriteniet "illi l-kelmiet `kreditur` u `debitur` ta` l-artikolu 850 (illum 1144) għandhom jittieħdu fis-sens wiesa li jigu użati fl-istess Titolu tal-Ligi fejn jinsab dak l-artikolu, u għalhekk għandhom jikkomprendu wkoll dak li jwiegħdu u għalhekk huma miżmuma mil-ligi li jixtru jew ibiegħu. Min iwiegħed li jbiegħ huwa debitur fis-sens li hu miżmum li jbiegħ dak li wiegħed, u fl-istess ħin kreditur illi min intrabat li jixtri għandu jixtri tassew, u fl-istess pożizzjoni ta` kreditur u debitur, mutatis mutandis, jinsab dak li wiegħed u jintrabat li jixtri."* <u>*Camoin vs Contini*</u> *13.11.1933.*

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li l-atturi huma l-genituri u l-ahwa tal-mejjet Christopher Camilleri. Jirrizulta li huma l-unici persuni li nterpellaw b`att gudizzjarju lill-konvenut Raymond Camilleri sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta` danni li garrbu bhala konsegwenza tal-qtil ta` Christopher Camilleri mill-istess konvenut. Jirrizulta wkoll li l-atturi odjerni pprezentaw kawza kontra l-konvenut Raymond Camilleri ghad-danni li qeghdin ighidu illi garrbu bhala konsegwenza tal-mewt ta` Christopher Camilleri, ghal liema kawza anke l-konvenuti jaghmlu riferenza fit-tieni eccezzjoni taghhom. Dawn il-fatti, kif jirrizultaw b`mod aktar dettaljat fl-atti tal-kawza, huma kollha rilevanti sabiex flimkien isostnu l-interess li trid il-ligi sabiex jippromwovu din l-*actio pauliana.* Fil-fehma ta` din il-Qorti, ir-relazzjoni tal-atturi bhala l-eqreb familjari ta` Christopher Camilleri ad eskluzjoni ta` haddiehor tikkostitwixxi prova tajba u sufficjenti tad-dritt tal-atturi – li huwa valutabbli pekunjarjament.

**Ghalhekk <u>l-ewwel eccezzjoni</u> qeghda tkun <u>respinta</u>.**

## V. <u>Risultanzi</u>

### 1) <u>Il-kuntratt tad-29 ta` Frar 2000</u>

Meta gudikant jigi biex iqis il-kumpless tal-provi li jitressqu ghall-konsiderazzjoni tieghu sabiex fuq **<u>dawk</u>** il-provi jaghti decizjoni, il-kriterju rilevanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja* (**"<u>Borg vs Bartolo</u>"** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Hekk meqjusa dawk il-provi, il-grad rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel **<u>certezza morali</u>** fil-mohh tal-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi fuq bilanc ta` probabilitajiet (**"<u>Caruana vs Laurenti</u>"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; **"<u>Borg vs Manager ta` l-Intrapriza tal-Halib</u>"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **"<u>Vassallo vs Pace</u>"** – Vol.LXX.II.144 u **"<u>Zammit vs Petrococchino</u>"** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952). Meta mbaghad tkun qeghda tintalab ir-rexxissjoni ta` att pubbliku, kif qieghed isir fil-kaz tal-lum, *il-massima tad-dritt probatorju li min jallega jrid jipprova, tehtieg li tigi osservata fir-rigorosita` taghha.* ("**<u>Tabone vs Tabone</u>**" - Qorti ta` l-Appell - 9 ta` Jannar 2009).

**Dan premess, il-Qorti hija tal-fehma li r-rekwizit tal-*eventus damni* huwa ppruvat.**

Waqt il-gbir tal-provi, kienu esebiti r-ricerki ta` l-konvenut Raymond Camilleri mnejn jirrizulta li dan m`ghandu l-ebda assi mmobbiljari registrati f`ismu. Fl-istess waqt inghad illi Raymond Camilleri ma kellux flus bizzejjed il-bank tant li kellu jissellef flus minghand il-genituri tieghu.

Il-konvenuti jgibu `l quddiem l-argument illi bil-kuntratt tad-29 ta` Frar 2000 ma kienx hemm diminuzzjoni fil-patrimonju tad-debitur, ghax id-diminuzzjoni kienet antecedenti ghall-att ta` bejgh. Ighidu illi Joseph Camilleri silef flus lil ibnu Raymond qabel il-kuntratt sabiex dan ikun jista` jiddefendi ruhu fil-proceduri kriminali li kienu istitwiti kontra tieghu. Dak il-fatt jekwivali ghal diminuzzjoni tal-patrimonju.

Din il-Qorti tqis inaccettabbli dan l-argument ghaliex huwa kontradett mill-assjem tal-provi. Skond il-konvenuti, l-ammont tal-plegg kien ta` Lm16,000, Raymond Camilleri kellu dejn ma` missieru ta` Lm8,000 in konnessjoni max-xogholijiet li ghamel fil-post tieghu, u ghenu jhallas Lm2,000 lill-avukati. Jekk dan kollu sar qabel il-kuntratt, il-valur tal-post kien jaqbez sew il-kumulu tad-dejn. Jirrizulta inoltre li l-missier ha lura s-Lm16,000 tal-plegg, u kwindi Raymond Camilleri ma baqax debitur ta` missieru. Jekk tassew kull ma sar kien sabiex l-ahwa l-ohra ta` Raymond Camilleri ma jarawx flus missierhom imorru lejn direzzjoni wahda, u allura jkollhom rashom mistrieh, jekk tassew kollox kien legittimu, il-post kien jerga` jmur lura ghand Raymond Camilleri u martu ladarba rrizulta li Raymond Camilleri hallas lil missieru.

Meta kreditur jagixxi bl-*actio pauliana*, ghalkemm l-insolvenza tad-debitur hu element tal-azzjoni, mhux obbligu tal-kreditur li jindika li d-debitur huwa insolvibbli, imma *sta* ghad-debitur, jekk irid ixejjen l-azzjoni, li juri li hu solvibbli billi jeccepixxi l-beneficcju ta' diskussjoni u jindika assi ohra li jappartjenu lilu u li jistghu jservu biex jaghmlu tajjeb ghall-kreditu tal-attur. Fil-kaz tal-lum ma nghatax l-eccezzjoni tal-beneficcju tal-eskussjoni skond l-Art 1144(1) tal-Kap 16. Il-Qorti hija tal-fehma firma u konvinta li d-dimunizzjoni fil-patrimonju ta` Raymond Camilleri sehhet <u>unikament</u> bil-kuntratt tad-29 ta` Frar 2000, b`konsegwenza diretta fuq l-atturi ghaliex b`hekk spiccaw fil-qaghda prekarja li ma jkunux jistghu jesegwixxu kontra l-konvenut Raymond Camilleri quantum ta` danni li potenzjalment huwa likwidabbli favur taghhom.

**Il-Qorti hija tal-fehma li r-rekwizit tal-*consilium fraudis* huwa ppruvat ukoll.**

Jirrizulta ppruvat illi **<u>wara li kien notifikat</u>** bl-ittra ufficjali tal-atturi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas ta` danni li l-atturi jikkontendu li garrbu konsegwenza tal-qtil ta` Christopher Camilleri da parti tal-istess

Raymond Camilleri, sar l-ewwel il-bejgh tad-dar minn Raymond u Alison Camilleri lil Joseph u Pawla Camilleri, imbaghad il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni bejn Raymond u Alison Camilleri ; **jinghad biss li l-kuntratt tal-bejgh sar granet biss wara l-presentata u n-notifika tal-ittra ufficjali**.

Din il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubbju li Raymond Camilleri kien konsapevoli tal-fatt li b`dawk l-atti tieghu huwa kien ser jikkaguna hsara lid-drittijiet tal-atturi li kienu jikkwalifikaw bhala *kredituri* tieghu ghall-fini tal-Art 1144 tal-Kap 16.

Ghal din il-Qorti huwa evidenti ghall-ahhar mill-assjem tal-provi illi r-raguni ghalfejn sar dan il-kuntratt kienet sabiex ma jkunx hemm assi fuqhiex issir l-ezekuzzjoni ta` sentenza dwar danni fl-eventwalita` li l-kawza tkun deciza favur taghhom u ssir likwidazzjoni tad-danni. Din il-Qorti tirrespingi bhala inattendibbli l-posizzjoni tal-konvenuti illi r-raguni ghala nbieghet id-dar kienet ghaliex Joseph Camilleri kien silef il-flus lil Raymond Camilleri u hutu l-ohra kienu qeghdin jilmentaw. Raymond Camilleri jallega li missieru hareg hu s-Lm16,000 tal-plegg u dik kienet ir-raguni principali ghalfejn id-dar nbieghet lil missieru. Madanakollu meta kien mistoqsi jekk missieru kien ha lura l-flus tal-plegg li kien hareg, Raymond Camilleri kkonferma li missieru kien ha lura l-flus. Anke l-istess konteggi li ngabu bhala prova tal-prezz tal-bejgh ma jwasslu ghall-figura ta` Lm40,000 li kien indikat bhala l-prezz tal-bejgh. Prova ohra determinanti li tiskredita l-versjoni tal-konvenuti hija li fil-kuntratt jinghad li l-prezz ta` Lm40,000 kien diga` thallas ; l-ammonti li l-konvenuti halfu li saru favur Raymond Camilleri ma jgibux l-ammont ta` Lm40,000. Allura l-bilanc sal-ammont ta` Lm40,000 x`kien jirrapprezenta ladarba kollox thallas qabel sar il-kuntratt ? Il-verzjoni tal-konvenuti tkompli tikkonferma kemm hija inveritiera huwa l-allegazzjoni li l-ammonti li hareg il-missier favur l-iben kienu jitnizzlu fuq karta izda billi it-tifel kien hallas lill-missier il-karta tqattghet. Jekk kien hemm karta, li dik il-karta tinzamm kien vitali mhux daqstant fil-konfront tal-atturi izda fl-ambitu tal-familja tal-konvenuti sabiex l-ahwa kollha jkunu sodisfatti li kull dejn ta` Raymond Camilleri kien thallas, ladarba kien allegat illi kien it-tgergir tal-ahwa l-ohra li xpruna lill-missier u lit-tifel biex isir il-bejgh.

Li kieku tassew Raymond Camilleri ried ipatti lil missieru ta` l-flus li kien silfu, u fl-istess hin iserrah mohh hutu, huwa seta` jirregistra ipoteka specjali fuq id-dar tieghu a favur ta` missieru, sabiex dan ikollu garanzija tajba li l-versamenti li kien ghamel lil ibnu jigu rifuzi, bid-dar tibqa` ta` Raymond Camilleri. Il-verosimili jiddetta li biex saru l-ewwel u t-tieni kuntratti ttiehed parir legali. U parir legali siewi kien jidderigi lill-konvenuti lejn l-ipoteka specjali. Jidher pero` li l-intendiment tal-konvenuti kien ta` xorta ohra kif diga` gie rilevat. Bil-kuntratt jew minghajru, Raymond Camilleri, martu u ibnu baqghu jghixu fl-istess dar. Jigi rilevat li fil-kuntratt ma nghad xejn li favur Raymond Camilleri, nonostante l-bejgh, kien qieghed jigi riservat dritt ta` uzu. Huwa minn awl id-dinja li meta propjeta` tinbiegh tassew, il-pussess ma jibqax tal-bejjiegh. U fil-kazi rari li jigri hekk, ikun hemm ragunijiet specjali li jkunu tassattivament indikati fil-kuntratt tal-bejgh. Il-Qorti terga` ssostni ghal darb`ohra li l-bejgh sar ukoll ghaliex l-ahwa l-ohra bdew igergru ; imbaghad l-istess ahwa li kienu gergru qabel il-kuntratt ma jgibu `l quddiem l-ebda ilment meta wara l-kuntratt Raymond Camilleri baqa` joqghod fil-fond qisu qatt ma kien xejn.

**Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li r-rekwizit tal-*partecipatio fraudis* huwa ppruvat.**

L-assjem tal-provi akkwiziti juri li Joseph u Pawla Camilleri kienu jafu li l-kuntratt tad-29 ta` Frar 2000 kien intiz sabiex fuq isem binhom Raymond Camilleri ma tibqa` tidher l-ebda propjeta` mmobbli. Il-genituri kienu ben konxji tal-process serju hafna li bih kien rinfaccjat binhom – akkuza ta` qtil volontarju. Kienu konxji wkoll li l-familjari tal-mejjet ma kienux sejrin jibqghu inattivi fil-kuntest tal-aspetti civili ta` dak il-qtil. Fil-fehma taghhom, kuntratt ta` bejgh kien is-soluzzjoni ta` kollox ; pero` kienu zbaljati.

Ippruvati l-elementi kollha tal-*actio pauliana* l-Qorti trid tistabilixxi jekk l-azzjoni ghandhiex tolqot lill-konjugi Raymond u Alison Camilleri flimkien jew ghandhiex Alison Camilleri tkun eskluza minnha.

Il-Qorti qeghda tirreferi ghal dak li nghad fin-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenuti meta kien rilevat illi l-azzjoni ghandha tirnexxi biss fir-rigward ta` sehem Raymond Camilleri mid-dar in vista ta` dak li jistipola l-Art 1327(f) tal-Kap 16 illi l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta` l-akkwisti jbatu kull dejn jew indennizz dovut bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda.

Il-Qorti mhijiex tikkondividi l-fehma tal-konvenuti.

Din il-fehma mhijiex sostenibbli ghaliex il-kuntratt kien wiehed u l-iskop ghala sar kien maghruf mill-erba` kontraenti minghajr eskluzjoni. Ghall-fini tal-azzjoni odjerna, ma huwiex rilevanti illi eventwali esekuzzjoni ta` dejn civili rizultanti mill-qtil ta` Christopher Camilleri ma tistax issir fuq is-sehem ta` Alison Camilleri mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-kuntratt kollu kien ivvizzjat u ghalhekk ghandu jigi rexxiss. Jigri altrimenti li jekk Alison Camilleri tkun eskluza mill-effetti tal-azzjoni, ikun ifisser li l-bejgh tan-nofs taghha lil Joseph u Pawla Camilleri jibqa` validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, meta rrizulta illi ppruvat illi Joseph u Pawla Camilleri ma xtraw u akkwistawx ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. *Se mai* s-sehem ta` Alison Camilleri ghandu jigi tutelat bi proceduri distinti minn dawn tal-lum ; certament izda dan ma jistax ikun billi l-azzjoni odjerna thalli lil Alison Camilleri barra, u allura bis-sehem taghha jibqa` effettivament mibjugh lil Joseph u Pawla Camilleri. L-elementi ppruvati tal-azzjoni jestendu l-effetti taghha anke fil-konfront ta` Alison Camilleri, li jfisser li s-sehem taghha tad-dar li jaghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti jerga` jsir taghha ghaliex legalment ma kienx trasferit lil Joseph u Pawla Camilleri.

**2) Il-kuntratt tal-1 ta` Awissu 2000**

**Il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz ta` dan il-kuntratt ir-rekwizit tal-*eventus damni* huwa ppruvat.**

Huwa evidentement ippruvat ghas-sodisfazzjon ta` din il-Qorti illi dan il-kuntratt sar sabiex mid-data tal-kuntratt `il quddiem kull dhul li kien sejjer ikollu Raymond Camilleri ma jibqax jidher f`ismu izda jigi dirett lejn il-mara tieghu. Bir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti fis-sehh, anke li kieku Raymond Camilleri ma kellux kontijiet bankarji f`ismu u l-flus kollha kienu f`isem il-mara tieghu, xorta wahda kien hemm il-presunzjoni li nofs dawk il-flus kienu jappartjenu lilu. Bir-regim tas-separazzjoni tal-beni, ma tissussisti l-ebda presunzjoni ; dak li jidher f`isem ir-ragel, ikun tar-ragel ; dak li jkun jidher f`isem il-mara, ikun tal-mara. Bis-separazzjoni tal-beni, Raymond Camilleri kellu kull interess li f`ismu ma jkun jidher xejn. Waqt l-iter tal-kawza, il-konjugi Camilleri ma gabu `l quddiem l-ebda raguni plawsibbli ghala giet xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u saret is-separazzjoni tal-beni. Anzi bl-aktar mod sorprendententi, meta t-tnejn li huma kienu domandati dwar dan il-kuntratt, bil-kemm ftakru li kienu ghamlu dak il-kuntratt, bhallikieku xejn mhu xejn. Tnejn kienu l-possibilitajiet : jew tassew kienu nsew dak il-kuntratt ; jew ghamlu tabilruhhom li nsew ghaliex l-effetti legali ta` dak il-kuntratt ma jistax ikun li ma kienux konxji minnhom jew min tahom il-parir li jaghmlu dak il-kuntratt ma kienx fehemhom l-implikazzjonijiet tieghu. Il-Qorti toqghod fuq it-tieni bhala probabilita` aktar milli mera possibilita`.

Huwa minnu li debitu civili naxxenti minn reat maghmul volontarjament ma jistax ikun piz fuq il-komunjoni ta` l-akkwisti. Izda huwa car li r-raguni ghalfejn sar dak il-kuntratt kien sabiex ma jithalla xejn jidher f'isem Raymond Camilleri bil-hsieb car li tkun eventwalment stultifikata l-ezekuzzjoni tas-sentenza dwar hlas ghad-danni kontra Raymond Camilleri. Din mhix kwistjoni li sehem Alison Camilleri ma setax jigi utilizzat sabiex jithallsu danni li kkaguna zewgha fit-twettieq ta` reat volontarju izda kwistjoni li s-separazzjoni ta` l-assi kienet ser tintuza biex Raymond Camilleri jahbi l-introjtu tieghu versu martu halli xejn minn tieghu ma jkun jista` jigi persegwit. Dan l-assjem huwa prova tad-diminuzzjoni fil-patrimonju ta` Raymond Camilleri.

**Il-Qorti hija tal-fehma li r-rekwizit tal-*consilium fraudis* huwa ppruvat ukoll.**

Anke fir-rigward ta` dan il-kuntratt partikolari, jirrizulta li dan kellu ghan wiehed – li tigi applikata s-separazzjoni ta` l-beni favur Raymond Camilleri ghad-detriment tal-kredituri. Tajjeb jinghad li Raymond Camilleri meta kien mistoqsi dwar fejn beda jircievi l-hlas tal-paga mill-Gvern, wiegeb li huwa kien ghalaq il-kont li kellu f`ismu u li jista` jkun li l-paga beda jircivieha fil-kont intestat fuq martu. Twegiba daqstant skjetta tikkonferma l-ghan frawdolenti, billi bis-separazzjoni tal-beni fis-sehh, il-flus li jkunu dahlu ghand martu jitqiesu bhala taghha mhux tieghu. li kien hemm, peress li minhabba s-separazzjoni ta` l-assi, il-paga ta` Raymond Camilleri li kienet tidhol f`kont ta` martu, kienet ser titqies bhala proprjeta` ta` martu u mhux ta` Raymond Camilleri.

**Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li r-rekwizit tal-*partecipatio fraudis* huwa ppruvat.**

Ghalkemm meta xehdet ipprovat taghti l-impressjoni li mqar kienet taf li sar dak il-kuntratt, fil-verita` l-assjem tal-provi jwassal lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali li Alison Camilleri kienet ben konsapevoli li l-ghan ewlieni ta` dak il-kuntratt kien illi minn hemm `il quddiem ma jkun jidher xejn f'isem zewgha, kif ukoll li jkun tutelat l-interess taghha, interess naxxenti mill-htiega li thares l-assi taghha, u fuq kollox il-kontroll effettiv taghha biss fuq dawk l-assi.

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.**

**Tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet tal-atturi.**

**Tilqa` t-tielet talba tal-atturi. Tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex, nhar il-Gimgha 10 ta` Lulju 2015 fil-11.00 a.m., fit-tieni sular tal-bini tal-Qrati tal-Gustizzja, Valletta, tippubblika z-zewg atti ta` rexxissjoni u thassir taz-zewg kuntratti li ghalihom saret riferenza fl-ewwel u fit-tieni talba tal-atturi.**

**Tilqa` r-raba` talba tal-atturi. Tinnomina lill-Avukat Dottor Anna Mifsud Bonnici sabiex tidher bhala kuratrici ghall-eventwali kontumaci fuq iz-zewg atti ta` rexxissjoni u thassir taz-zewg kuntratti li ghalihom saret riferenza fl-ewwel u fit-tieni talba tal-atturi.**

**Tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------